# *Il-Kwadru Titulari ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur*

Mons. Ġużeppi Cauchi

Waħda mill-isbaħ pitturi li bihom hi mżejna l-Insinji Kolleġġjata u l-Bażilika tan-Nadur, hi bla dubju ta' xejn il-Kwadru Titulari. Dan ma kienx l-uniku kwadru Titulari li sar għal din il-knisja Parrokkjali. Nafu li iktar qabel kien hemm kwadru ieħor, impitter fuq l-injam, li kien iġib f'pożizzjoni ċentrali lill-Madonna flimkien ma' l-Appostli San Pietru u San Pawl. Dan il-kwadru li kellu wkoll il-preġju tiegħu, kien miżmum għal bosta snin fis-sagristija tal-ewwel knisja Parrokkjali meta din kienet qed tinbena.



L-oriġini tal-kwadru Titulari tal-lum, tmur għaż-żminijiet tal-ewwel knisja Parrokkjali. Bla ebda dubju, l-antenati tagħna, ħasbu biex isir kwadru tassew artistiku kif jixraq għall-knisja l-ġdida li kienu għadhom kif bnew. Dwar din l-opra fil-vista pastorali tal-Isqof Canaves tas-sena 1716, insibu mniżżel li *'l-Pittura hi biċċa xogħol tajba. Fiha jidhru l-Appostli San Pietru u San Pawl, qed jittieħdu għall-martirju'.*

Meta r-restawratur Taljan, Professur Cesare Brandi nġieb Malta fuq ir-restawri tal-pittura ta' Preti fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann tal-Belt Valletta, huwa kien għamel żjara qasira f'Għawdex, biex jara l-pitturi li aħna l-Għawdxin b'xorti tajba għandna ta' dan il-pittur. Billi b'ċertezza sa dakinhar u anke wara, il-pittura tal-Kolleġġjata tan-Nadur kienet miżmuma bħala tal-Preti, Professur Brandi wasal anke san-Nadur. Għadni niftakar narah b'għajnejja u nisimgħu b'widnejja stess waqt li kien qed jammira din il-pittura fil-kor tal-Kolleġġjata tagħna, meta kien mistoqsi mill-mejjet, il-Kan. Dun Anton Borg x'jaħseb dwarha, il-Professur Brandi rrisponda bla tlaqliq u qal *'Uno dei migliori di Mattia Preti'.*

Għalkemm hemm dubju jekk dan il-kwadru hux ta' Mattia Preti, bla dubju ta' xejn, żgur li din il-pittura ħarġet minn id pittur ta' ħila. Dan il-kwadru għandu xebh kbir ma' dak li b'ċertezza tpitter minn idejn il-Kalabriż, u li jinsab f'waħda mill-pitturi semiċirkolari flimkien ma' ieħor, fil-kappella ta' San Pietru, fil-knisja tal-Ġiżwiti, tal-Belt Valletta. Barra dan ix-xebh, wiċċ San Pietru fit-titular tan-Nadur, hu eżatt bħal dak ta' Sant' Andrija, impitter ukoll minn l-istess Mattia Preti li jinsab fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq, Malta.

Barra dan ix-xebh, il-kwadru titulari tan-Nadur fih il-karatteristiċi kollha tal-arti ta' Preti. Il-wiċċ li qiegħed ħdejn il-manigold ta' ma' ġenb San Pawl, għandu mill-bixra ta' Preti innifsu, lejn l-aħħar żmien ta' ħajtu. Min-naħa l-oħra, anke l-manigold li qiegħed jiġbed b'katina lil San Pietru, iġib wiċċ Cianferli, li kien ilsir konvertit minn Preti stess.

Għandna wkoll f'din il-pittura l-ilwien li huma familjari ħafna ma' wħud mill-pitturi ta' Preti. L-istess ilwien li wieħed jilmaħ fil-pittura hawn fuq imsemmija li tinsab fil-Knisja tal-Ġiżwiti, insibuhom ukoll fil-lewn isfar tal-mantell ta' San Pietru u f'dak aħmar fil-mantell ta' San Pawl. L-istil artistiku tal-Preti jidher ħafna f'dan il-kwadru titulari, u għalkemm mill-provi li għandna f'idejna, dan il-kwadru ma ħariġx minn idejh, madankollu jibqa' fatt li ħadd ma jmeriħ, illi dan ħareġ minn idejn u l-ħila ta' pittur mill-iskola tiegħu.

Il-Kuratur tal-*British Museum* ġewwa Londra, fejn sal-lum wieħed jista' jara esposti ritratti tal-Bażilika tan-Nadur, fil-ġudizzju li ta dwar dan il-kwadru fis-sena 1971, waqt li stqarr li fil-fehma tiegħu mhux possibbli li hu tal-Preti, huwa stqarr ukoll li l-artist li oriġinah, kien milqut ħafna minn Mattia Preti u li meta tpitter dan ma kienx ilu mejjet.

Konferma li mhux tal-Preti, hu l-fatt li sas-sena 1699, meta miet Mattia Preti, dan il-kwadru ma jissemma mkien fil-viżti pastorali li kienu saru fin-Nadur. Dan jissemma għall-ewwel darba sbatax-il sena wara din id-data, fil-vista pastorali li saret mill-Isqof Canaves tas-sena 1716.

Fil-viżta pastorali ta' Mons. Grech Delicata, li saret fis-sena 1869 insibu dettalji dwar il-Knisja Parrokkjali tan-Nadur, u fost l-oħrajn jitkellem dwar il-pitturi li kien hemm fiha. Dwar il-kwadru titulari, Mons. Isqof Grech Delicata jgħid: 'Hemm artal ġol-Kor, iddedikat lill-Appostli glorjużi San Pietru u San Pawl. Il-pittura



tiegħu hi taż-żejt, u turi liż-żewġ Appostli, b'idejhom marbutin bi ħbula, qed jittieħdu għall-martirju glorjuż tagħhom. Kemm iż-żewġ Appostli, kif ukoll il-manigoldi huma b'figura sħiħa. Hi pittura fuq it-tila ta' pittur kbir li ismu ma nafuhx.

L-antenati tagħna dejjem xtaqu l-aħjar għall-knisja tagħhom. Għalhekk hu żgur li huma kkommissjonaw dan il-kwadru lil xi artist ta' ħila, li min-naħa tiegħu, huwa għamel l-almu tiegħu biex jimita lil Mattia Preti fl-opra tiegħu.



Il-Kapuċċin Patri Pelaġju li kien familjari ħafna mal-Knisja tan-Nadur (biżżejjed ngħid li għamel il-paninġierku tal-festa titulari erba' darbiet) ħallielna ħafna tagħrif dwar in-Nadur u l-Knisja tiegħu. Fost il-kitbiet tiegħu huwa jikteb: 'Hu biżżejjed li l-għażiż qarrej tiegħi japprezzah bħala waħda mill-aqwa opri tal-Kavallier Mattia Preti, magħruf bħala l-Kalabriż, pittur mill-aqwa.

Jista' jkun li dan il-ġudizzju Patri Pelaġju għamlu meta kien jaf bix-xebh li jeżisti bejn il-kwadru tan-Nadur u dak tal-Knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt Valletta.

Achille Ferres, fis-sena 1866, meta kiteb dwar il-Knisja Parrokkjali tan-Nadur, isemmi li dan il-kwadru ta' San Pietru u San Pawl, ħaqqu jiġi apprezzat għall-valur artistiku tiegħu, u li dan hu kopja fidila ta' l-oriġinal li sar mill-Pittur Kalabriż. Iktar tard, fis-seklu l-ieħor, il-Professur Franġisku Saverio Sciortino kien ukoll tal-fehma li dan il-kwadru hu tal-Preti. Hemm min hu tal-fehma, li dan seta' ħareġ minn idejn Giovanni Paolo Chiesa li fi żmienu kien ukoll jissejjaħ *'Il Romano'.*

Bla dubju ta' xejn, għalkemm ma nafux b'ċertezza min pittru, jibqa' l-fatt li dan il-kwadru huwa fost l-aqwa teżori artistiċi li wieħed isib fil-Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur. Kwadru li madwar tliet mitt sena ilu, kien iżejjen l-ewwel knisja Parrokkjali tagħna, u wara kompla jagħmel dan fit-tempju monumentali preżenti, li missirijietna b'tant sagrifiċċju u imħabba bnew għall-glorja t'Alla u tal-Appostli Patruni tagħna San Pietru u San Pawl.

Referenzi:

*Heritage* Diċembru 1978.
*In-Nadur* Vol. I, II. – Alex. Bonnici O.F.M. Conv.
*Teżori fil-Knejjes Maltin.* – Tony Terribile.
*In-Nadur u t-Tempju Tiegħu Monumentali.* – Kan. Karm Caruana.
Djarji Parrokkjali Vol. IX, XIX. Kan Ġużeppi Cauchi.



*Kwadru Titulari - Kolleġġjata Insinji u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, Nadur.*

Ritratt: Sam Portelli